**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 42**
**Citaz. Nru. 643/97 FDP**

**Carmel u Angelina konjugi Galea**

**Vs**

**Donald u Tania konjugi Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-atturi huma l-proprjetarji tat-terran bl-isem ta' Tuta, fi Triq is-Sikka, Bahar-ic-Caghaq;

Premess illi l-konjugi konvenuti bhala proprjetarji tal-mezzanin sovrastanti bl-isem ta' "Sunset" esegwew diversi xoghlijiet strutturali fl-istess mezzanin fosthom it-twaqqiegh tas-saqaf biex jigi sostitwit b'iehor;

Premess illi tali xoghlijiet gew esegwiti b'mod u manjiera mhux kif titlob is-sengha u l-arti u cioe` b'mod l-aktar goff, bil-konsegwenza li gew kagunati diversi hsarat fil-proprjeta` ta' l-atturi;

Premess illi l-istess atturi bhalissa jinsabu mcahhda, anke jekk provvizorjament, minn diversi kumditajiet li kellhom qabel, bhal tank ta' l-ilma u areal tat-television fuq l-oghla bejt u sistemi ohra konnessi mkluz nuqqas ta' ilma shun;

Premess illi bl-istess xoghlijiet esegwiti mill-konvenuti, l-atturi sofrew hsarat konsiderevoli fil-fond terran taghom u dana kif jirrizulta mill-anness rapport peritali u kif ser jirrizulta ahjar waqt is-smiegh tal-provi;

Premess illil-konvenuti gew interpellati inutilment diversi drabi sabiex jersqu halli jirrimedjaw il-hsarat kagonati minnhom fil-proprjeta` datat 17 ta' Settembru 1996;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghal hsarat kagonati fil-proprjeta` ta' l-atturi per konsegwenza ta' xoghlijiet strutturali esegwiti fil-proprjeta` sovrastanti okkorrendo permezz ta' permezz ta' periti nominandi;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jirrimedjaw il-hsarat kollha minnhom kanati u dana taht is-supervizjoni u direzzjoni ta' perit arkitett nominat mill-istess Qorti;

3. Tawtorizza lill-atturi jirrimedjaw l-istess hsarat huma stess a spejjez tal-konvenuti taht id-direzzjoni u supervizjoni ta' perit arkitett nominat mill-Qorti fil-kaz li l-konvenuti jibqghu inadempjenti fit-terminu lilhom moghti minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tar-rapport ex parte u tal-protest gudizzjarju kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenuti fejn huma eccipew:-

1. Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjenti *de quo* ma kkangunaw ebda hsarat fil-proprjeta` ta' l-atturi;

2. Illi anzi fl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet strutturali fil-proprjeta` ta' l-eccipjenti li ma setghux ma jsirux, dawn hadu hsieb u l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex ix-xoghol kollu jsir bil-permessi mehtiega ta' l-awtoritajiet kompetenti, skond is-sengha minn kuntrattur u haddiema kompetenti u taht is-supervizjoni ta' perit arkitett;

Ghamlu wkoll riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet taghha moghti fl-Udjenza tas-26 ta' Gunju 1998 li permezz tieghu gie nominat il-Perit David Pace bhala espert tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert tekniku li tinsab a fol. 63 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tat-23 ta' Mejju tas-sena 2001;

Semghet lix-xhieda prodotti u lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-atturi huma proprjetarji ta' terran gewwa Bahar-ic-caghaq waqt li l-konvenuti huma proprjetari tal-mezzanin sovrastanti;

Illi ghall-habta ta' nofs l-1996 il-konvenuti ddecidew li jaghmlu xoghol strutturali fil-mezzanin taghhom u minghajr ebda preavviz qabdu jhottu l-bini biex isiru x-xoghlijiet strutturali godda li kienu qed jikkontemplaw; fost dan ix-xoghol kien hemm id-demolizzjoni ta' xi saqaf li kellu jigi sostitwit u dan bil-konsegwenzi kollha li xoghol simili jimporta inkluz anki l-uzu ta' l-oghla saqaf kemm ghat-tank ta' l-ilma kif ukoll ghall-aerial tat-television da parti ta' l-istess atturi; huma ntavolaw din il-kawza biex il-Qorti tiddikjara illi dan ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u li lilhom ikkagunalhom diversi danni;

Illi minn naha taghhom il-konvenuti eccipew illi huma ghamlu kollox bil-permessi mehtiega u skond is-sengha minn kuntrattur u haddiema kompetenti u taht is-supervizjoni ta' perit arkitett;

Illi proprju fit-tieni Udjenza quddiem din il-Qorti l-partijiet qablu li kellu jsir access fil-presenza tal-periti taz-zewg kontendenti izda ghalkemm inzamm dan l-access jidher li ma ntlahaqx ftehim u ghalhekk il-Qorti kienet kostretta li tghaddi ghan-nomina ta' perit tekniku biex jikkonsidra l-vertenza;

Illi jrid jigi rilevat illi l-konvenuti ma hadux wisq interess f'din il-kawza u fil-fatt ghal wiehed mill-acessi stabbilit mill-perit

gudizzjarju huma ma kienux prezenti tant illi l-Qorti awtorizzat lill-istess espert biex jghaddi ghar-relazzjoni u dan wara illi huwa kkonferma fl-Udjenza tad-9 ta' Marzu 2001 quddiem l-istess Qorti li l-provi kienu ngabbru u kien qieghed fl-istadju li jirredigi r-relazzjoni;

Illi l-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tidhol fid-dettalji teknici imsemmija mill-istess abbli relatur u dan peress illi, anki kif jidher mid-diversi ritratti esebiti f'dan il-process li l-atturi kienu gustifikati fil-prezentata ta' din ic-citazzjoni u jidher li ma jista' jkun hemm ebda dubju li dawn il-hsarat graw kollha minhabba li l-konvenuti kixfu s-soqfa u ghamlu xoghlijiet strutturali serji minghajr ma hadu l-prekawzjonijiet mehtiega u inoltre jidher li kien hemm zmien twil li hallew il-post kompletament mikxuf ghall-elementi;

Illi anki wara l-prezentata tar-rapport peritali u tax-xhieda li huwa ta fl-Udjenza sussegwenti, il-konvenuti qatt ma hadu ebda forma ta' interess u ghalhekk il-Qorti ma tarax li jista' jkun hemm xi dubju illi l-hsarat saru tort tal-konvenuti u fl-entita` indikata mill-perit;

Illi fl-ahhar xhieda tieghu indika wkoll il-prezzijiet u dawn juru li l-hsarat ma kienux minimi.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda kif dedotta fic-citazzjoni;

Tilqa' wkoll it-Tieni Domanda u tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien sitt (6) gimghat minn meta din il-kawza tghaddi in gudikat, jirrimedjaw il-hsarat kollha minnhom ikkagunati u dan fuq istruzzjonijiet u taht id-direzzjoni tal-Perit David Pace, u dan kollox a spejjez ta' l-istess konvenuti, li ghandhom ihallsu wkoll l-ammont ghal hsarat fis-sistema ta' l-elettriku li gja gew rimedjati mill-istess atturi;

U fil-kaz li l-imsemmi xoghol ma jsirx a sodisfazzjon ta' l-imsemmi perit fit-terminu hawn fuq indikat, tilqa' wkoll it-Tielet Domanda u tawtorizza lill-atturi jaghmlu x-xoghol kollu rimedjali, dejjem taht istruzzjonijiet u direzzjoni ta' l-imsemmi Perit David Pace, u l-konvenuti jkunu kkundannati illi jhallsu ghall-ispejjez kollha kif certifikati mill-Perit David Pace.

L-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni ghandhom jithallsu mill-konvenuti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur